*- MANDAT TA' INIBIZZJONI –*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Gimgha 11 ta' Novembru 2016.**

**Rikors Numru: 1502/2016/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1502/2016/LSO fl-ismijiet:-**

**Integrated Business Systems Limited (C 18440)**

**vs**

**1) Microsoft Ireland Operations Limited, socjeta` estera bl-indirizz ta'** ***The***

***Atrium Building, Block B, Carmanhall Road, Sandyford Business Park, Dublin 18, Ireland;*** **u**

**(2) Microsoft Malta Limited (C 35520)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' **Integrated Business Systems Limited** pprezentat fl-14 ta' Ottubru 2016 fejn gie kkonfermat bil-gurament ta' Tim Camilleri (id. 647563M):-.

Illi, s-socjeta` esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet taghha;

Illi, s-socjeta` esponenti sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izzomm lis-socjetajiet intimati milli:

**1. Juzaw u/jew jaccessaw u/jew jaghtu access u/jew jippermettu lil terzi juzaw jew jaccessaw il-proprjeta` tal-esponenti (konsistenti f'*software* derivat mill-Dynamics NAV u li kien gie zviluppat mis-socjeta` esponenti, u cioe` *customisations* u/jew *add-ons* tal-**

**imsemmi Microsoft Dynamics NAV zviluppati mis-socjeta` esponenti; u/jew**

**2. Juzaw u/jew jaccessaw u/jew jaghtu access u/jew jippermettu lil terzi juzaw jew jaccessaw proprjeta` intellettwali, u cioe` *software*, derivata mill-proprjeta` intellettwali, u cioe` s-*software*, tas-socjeta` esponenti deskritta fil-paragrafu precedenti;**

**3. Peress li dan il-ksur tad-drittijiet tal-esponenti ghadu ghaddej, qieghed jintalab li dan ir-rikors jintlaqa' provizorjament sakemm jinghata digriet finali.**

Illi, din it-talba qed issir ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi s-socjeta` esponenti kienet toffri servizzi ta' *software development* lil numru ta' klijenti taghha;

2. Illi s-socjeta` esponenti kienet dahlet f' kuntratt, ossija *Solution Provider Agreement* (SPA), mas-socjeta` konvenuta Microsoft Ireland Operations Limited li permezz tieghu hija saret *Microsoft Dynamics NAV partner;*

3. Illi, permezz ta' dan il-ftehim ma' Microsoft Ireland Operations Limited, is-socjeta` esponenti setghet tbiegh *(re-sell)* prodotti *(software)* tal-korporazzjoni Microsoft, b'mod specifiku il-prodott bl-isem ta' "Microsoft Dynamics NAV" kif ukoll taghmel *customisations* u *add-ons* ta' dawn il-prodotti ghall-beneficcju tal-klijenti taghha;

4. Illi, fil-fatt is-socjeta` esponenti, bis-sahha *tas-Solution Provider Agreement* (SPA) u d-*Developer License* li kellha mal-Microsoft Ireland Operations Limited, kienet zviluppat diversi *customisations* ghal *Dynamics NAV,* u cioe` *software,* ossija *Enterprise Resource Planning (ERP) Solution,* li kienet tappartjeni lill-Microsoft u li din tal-ahhar kienet poggiet ghad-dispozizzjoni ta' min kien imsieheb fil-programm ta' *partnership* taghha, inkluza s-socjeta` esponenti;

5. Is-socjeta` esponenti kienet zviluppat ukoll programm bl-isem ta' *AutoDynamics* li kienet giet registrata mal-*Microsoft* bhala *Add-On* tas-socjeta` esponenti;

6. Illi s-socjeta` esponenti kellha success kbir fis-suq bhala provditur ta' dawn il-prodotti (u cioe` *customisations* u *add-ons* ta' *Dynamics NAV)* u kellha numru ta' klijenti ta' daqs konsiderevoli fis-suq Malti;

7. Illi, in konformita` mal-ligi dwar id-drittijiet tal-awtur (copyright), id-drittijiet ta' l-awtur f' dak li jirrigwarda l-*customisations* u *add-ons* maghmula mis-socjeta` attrici, kienu u ghadhom jappartjenu esklussivament lill-istess socjeta` attrici. B'rizultat ta' dan, id-dritt biex jawtorizza jew jipprojbixxi, fost l-ohrajn, l-uzu tal-imsemmija *customisations* u *add-ons,* kemm *in toto* kif ukoll *in parte*, *a tenur* tal-Artikolu 7 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415), kien dejjem jirrisjedi unikament mas-socjeta` attrici;

8. Illi, madankollu s-socjeta` konvenuta Microsoft Ireland Operations Limited, kellha l-access u l-possibilta` teknika li taghti access lis-*software* zviluppat mis-socjeta` esponenti fuq il-pjattaforma taghha, u cioe` s-*software z*viluppat mis-socjeta` esponenti bl-uzu tal-licenzja u s-*software* tal-Microsoft Corporation;

9. Illi fil-fatt, is-socjeta` esponenti kienet taccessa s-*software* taghha tramite *licence key* moghtija lilha mill-Microsoft Ireland Operations Limited, liema *licence key* kien uniku ghas-socjeta` esponenti. Kull *Microsoft Partner* kellu *licence key* (ossija *Developer Licence)* specifiku ghalih biss li permezz tieghu seta' jaccessa hu biss is-*software* tieghu;

10. Illi gara li fl-4 ta' Novembru 2009, il-ftehim li s-socjeta` esponenti kellha ma' Microsoft Ireland Operations Limited gie terminat;

11. Illi f' dawn l-ahhar xhur, gie a konjizzjoni tas-socjeta` attrici illi fis-sena 2010, u cioe` wara li gie terminat il-ftehim li s-socjeta` attrici kellha ma' Microsoft Ireland Operations Limited, is-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, b'mod illegali u ntenzjonat sabiex jippromwovu kompetituri tas-socjeta` attrici u jzommu l-klijenti tas-socjeta` attrici ghad-detriment tas-socjeta` attrici, estendew l-uzu tad-Developer Licence tas-socjeta` attrici illi dawn il-kompetituri sabiex dawn ikunu jistghu juzaw, jibqghu jizviluppaw u/jew iwettqu *reverse engineering* tal-*Add-ons* u/jew *customisations* tas-

socjeta` attrici li taghhom is-socjeta` attrici hija l-proprjetarja esklussiva tad-drittijiet tal-awtur.

12. Illi gie ukoll a konjizzjoni tas-socjeta` attrici illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, awicinaw lill-klijenti tas-socjeta` attrici u nformawhom b'mod qarrieqi u malizzjuz illi dawn setghu jkomplu juzaw il-*customisations* kollha li kienet wettqet is-socjeta` attrici ghal Dynamics NAV daqs li kieku dawn kienu tal-imsemmija klijenti, u ghalhekk minghajr ma jiksbu l-awtorizzazzjoni tas-socjeta` attrici kif inhu mehtieg mil-ligi, u dan billi jirrikorru ghal Microsoft Partners ohra (u cioe` l-kompetituri tas-socjeta` attrici);

13. Illi fil-fatt hekk gara u l-klijenti tas-socjeta` attrici, ghajr numru zghir hafna, telqu lis-socjeta` attrici *stante* li l-pozizzjoni li nghatatilhom mis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, kienet li setghu jibqghu jigu provduti l-istess servizz li kienet qed tipprovdilhom is-socjeta` attrici mill-kompetituri tas-socjeta` attrici, nkluz l-uzu tal-istess *software* appartenenti lis-socjeta` attrici u li s-socjeta` attrici kienet zviluppat abbazi tas-Solution Provider Agreement (SPA) u d-Developer License li kellha mal-Microsoft Ireland Operations Limited (cioe` l-*customisations* u l-*add-ons);*

14. Illi s-socjetajiet konvenuti ghamlu dak kollu possibbli, minkejja li kienu jafu li kienu qed iledu d-drittijiet tas-socjeta` attrici, sabiex ihallu lill-kompetituri tas-socjeta` attrici juzaw il-prodotti (u cioe` l-customisations u add-ons)

tas-socjeta` attrici u jipprovdu s-servizzi taghhom abbazi ta' dawn il-prodotti lill-klijenti tas-socjeta` attrici;

15. Illi waqt proceduri ta' arbitragg bejn is-socjeta` attrici u terzi gew prezentati serje ta' *e-mails* li juru bic-car din il-manuvra tas-socjetajiet konvenuti u l-mod kif dawn avvicinaw lill-klijenti tas-socjeta` attrici u ledew id-drittijiet tal-awtur tas-socjeta` attrici. Din il-korrispondenza qed tigi annessa bhala Dok. A. Referenza partikolari ssir ghall-*e-mails* datati 7 ta' Settembru 2010 (10:48 AM) u 23 ta' Settembru 2010 (8:36 AM), pagni 10 u 13 ta' din il-korrispondenza li juri bic-car li kien hemm sahansitra rezistenza u oppozizzjoni nterna minn persuni f' pozizzjonijiet manigerjali tas-socjetajiet konvenuti biex ma jsirux dawn il-manuvri peress illi kienu illegali u abbuzivi. Dan, fl-opinjoni tas-socjeta` attrici, jikkostitwixxi prova nkonfutabbli u lil hinn minn *primafacie* tal-abbuz u ksur lampanti tad-drittijiet taghha mis-socjetajiet konvenuti;

16. Illi permezz ta' din il-manuvra illegali u ghal kollox mohbija mis-socjeta` attrici, kemm is-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, kif ukoll il-kompetituri tas-socjeta` attrici li akkwistaw il-klijenti tas-socjeta` attrici, ghamlu u ghadhom jaghmlu qligh minn fuq dahar is-socjeta` attrici, bi pregudizzju ghas-socjeta` attrici u b'konsegwenza li s-socjeta` attrici ma setghetx tibqa' operattiva f' dan is-suq. Permezz ta' din il-manuvra illegali tas-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, s-socjeta` attrici giet b'mod illegali

imcahhda mid-drittijiet esklussivi taghha tal-awtur, fosthom li tikkontrolla l-uzu u l-bejgh tal-prodotti taghha;

17. Illi l-agir tas-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, jikkostitwixxi ksur lampanti tad-drittijiet ta' l-awtur tas-socjeta` esponenti fil-prodotti taghha hawn fuq imsemmija, kif ukoll ksur tal-obbligi tas-socjetajiet konvenuti naxxenti mill-Artikolu 42(1)(a) tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415);

18. Illi, *di piu`*, dawn l-azzjonijiet da parti tas-socjetajiet konvenuti, jikkostitwixxu ksur tal-obbligi fiducjarji taghhom, *stante* illi huma kellhom access u kienu qed izommu fil-kustodja taghhom, u cioe` fuq il-pjattaforma taghhom, il-prodotti, ossija *customisatiom* u *add-ons* tas-socjeta` esponenti. Minkejja illi s-socjetajiet konvenuti ghalhekk kellhom l-obbligi li, fost ohrajn, ma jaghtux access ghall-proprjeta` tas-socjeta` esponenti lil terzi, ma juzawx tali proprjeta` ghall-gwadan personali taghhom, u jzommu l-proprjeta` tas-socjeta` esponenti segregata mill-proprjeta` l-ohra li kellhom access ghaliha s-shab l-ohra tal-Microsoft, biex b'hekk jipprotegu l-interess tas-socjeta` esponenti, huma ghamlu bil-maqlub, u dan bl-intenzjoni li s-socjetajiet konvenuti jkomplu jiggeneraw il-qligh mill-klijenti tas-socjeta` esponenti b'mod malizzjuz u illegali.

19. Illi b'hekk l-azzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, kif hawn fuq deskritti, jikkostitwixxu ksur tal-

obbligi taghhom naxxenti mill-Artikolu 1124A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

20. Illi, b'zieda ma' dan, l-ghemil tas-socjetajiet konvenuti jikkostitwixxi mizapproprjazzjoni tal-proprjeta` tas-socjeta` esponenti, liema azzjoni hija sanzjonabbli taht il-ligijiet kriminali u b'hekk is-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ghandhom jigu kundannati jhallsu d-danni kawzati lis-socjeta` esponenti;

21. Illi minkejja ittra interpellatorja **(Dok. B)** li ntbaghtet mis-socjeta` esponenti lis-socjetajiet konvenuti, kif ukoll protest gudizzjarju pprezentat nhar is-16 ta' Gunju 2016 **(Dok. C)**, u li gew debitament notifikati lis-socjetajiet konvenuti, is-socjetajiet konvenuti baqghu siekta, ghajr ghar-risposta ghall-ittra nterpellatorja fejn gie kkomunikat li s-socjetajiet konvenuti kienu qed jikkunsidraw il-kontenut tal-ittra mibghuta lilhom **(Dok. D).**

22. Illi jekk tibqa' tintuza u/jew tigi accessata l-proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti u/jew proprjeta` ntellettwali derivata mis-socjeta` ntellettwali tas-socjeta` rikorrenti minghajr il-kunsens taghha u minghajr il-hlas dovut lilha, kif qed jigri u ilu jigri ghal dawn l-ahhar snin *ad insaputa* tas-socjeta` rikorrenti, l-istess socjeta` rikorrenti ser tibqa' ssofri danni ngenti u pregudizzju irrimedjabbli.

23. **Illi l-kawza mibnija fuq il-premessi hawn fuq imisemmija qed titressaq kontestwaltnent mal-Inibizzjoni *de quo*.**

Rat id-digriet tal-14 ta' Ottubru 2016 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-27 ta' Ottubru 2016, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Microsoft Malta Limited (C-35520) u tal-Avukat Joseph Camilleri (ID numru 384279M) in rapprezentanza tal-kumpanija estera (reġistrata l-Irlanda) Microsoft Ireland Operations Limited kif debitament awtorizzata datata 25 ta' Ottubru 2016 fejn espona :

Illi permezz ta' rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet fuq ċitati tal-14 t'Ottubru 2016, ir-rikorrenti Integrated Business Systems Limited ("**IBS**"), talbet lil din l-Onorabbli Qorti tinibixxi lill-intimata milli:

1. Juzaw u/jew jaċċessaw u/jew jagħtu aċċess u/jew jippermettu lil terzi jużaw jew jaċċessaw il-proprjeta' tal-esponenti konsistenti f'*software* derivat mill-Dynamics NAV u li kien ġie żviluppat mis-soċjeta' esponenti, u ċjoe *customisations* u/jew *add-ons* tal-imsemmi Microsoft Dynamics NAV żviluppati mis-soċjeta' esponenti; u/jew

2. Jużaw u/jew jaċċessaw u/jew jagħtu aċċess u/jew jippermettu lil terzi jużaw jew jaċċessaw proprjeta'

intellettwali, u ċjoe *software*, derivata mill-proprjeta' intellettwali, u ċjoe s-*software* tas-soċjeta` esponenti deskritta fil-paragrafu preċedenti;

3. Peress li dan il-ksur ta' drittijiet tal-esponenti għadu għaddej, qiegħed jintalab li dan ir-rikors jintlaqa' proviżorjament sakemm jingħata digriet finali.

Illi b'digriet tal-14 t'Ottubru, 2016 stess, il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament sakemm jingħata d-digriet definittiv wara s-smigħ. L-esponenti qegħdin iressqu r-risposta tagħhom abbażi tal-istess digriet.

## 1.0 Fatti tal-każ

Illi l-esponenti bir-rispett jinnotaw illi l-fatti kif spjegati minn IBS fir-rikors tagħha huma żbaljati f'numru ta' bnadi u, anke fejn għandhom mis-sewwa, qed jingħataw bixra li inġustament tipprova titfa' dell ikrah fuq l-esponenti.

Illi l-intimati għalhekk iħossu illi jkun ġust u opportun li jiġu spjegati, fil-qosor il-fatti tal-każ kif tassew ġraw.

- Illi għandu jibda billi jigi rilevat illi s-soċjeta` intimata **Microsoft Malta Limited ma għandha assolutament ebda relazzjoni ġuridika mal-IBS**. L-unika relazzjoni li kienet teżisti kienet bejn l-IBS u Microsoft Ireland Operations Limited. Din tal-aħħar kellha ftehim mar-rikorrenti IBS ('*Solution Provider Agreement*') fis-sens illi

IBS kienet rikonoxxuta bħala hekk imsejħa *Official Dynamic Partner* ta' Microsoft u, bħala tali, kellha dik li tissejjaħ *Developer Licence* maħruġa mill-istess Microsoft Ireland Operations Limited. Id-*Developer Licence* hija differenti minn *user licence* "normali" li juża utent kwalunkwe' tal-Microsoft. Fil-fatt hija mogħtija biss lil żviluppaturi ta' *software* rikonoxxuti bħala *partners* – dan għaliex din il-liċenza tippermetti lill-utent illi jagħmel tibdiliet fl-istess *software* billi jipproduċi *customisations* u *add-ons* tas-*software* in kwestjoni.

- Għar-raġunijiet imsemmija, jidher illi Microsoft Malta Limited iddaħħlet fl-istorja minn IBS sempliċiment bħala "skuża" sabiex tinħoloq ġurisdizzjoni hawn Malta, meta fil-verita', l-uniku relazzjoni ġuridika tar-rikorrenti hija ma' Microsoft Ireland Operations Limited. Minn issa 'l quddiem f'din ir-risposta, ir-referenzi għal "Microsoft" huma għalhekk għall-entita' reġistrata fl-Irlanda filwaqt illi l-kumpanija Maltija se tissemma' bl-isem sħiħ tagħha.
- Ġara illi fl-2009, u fi żminijiet preċedenti, IBS kienet ripetutament kisret il-kundizzjonijiet tas-*Solution Provider Agreement* li hija kellha billi, fost l-oħrajn, waqgħet lura fil-ħlasijiet dovuti lil Microsoft għal din il-liċenza.
- Dan ġiegħel lil Microsoft sabiex tittermina u ma ġġeddix iżjed il-liċenza dak iż-żmien maħruġa lil IBS [ara **Dok M1** anness]. Dan kollu wassal biex l-IBS tilfet l-istatus taghha ta' *partner* tas-socjeta` Microsoft.
- Kien f'dan l-istadju illi klijent partikolari tal-IBS kien kostrett javvicina lil Microsoft, kif fil-fatt gara, u dan tal-ahhar sostna illi kellu problema kbira.

- Fi ftit kliem, irriżulta illi dan il-klijent, li kien juża l-prodotti ta' Microsoft u li kien (mingħalih) xtara liċenza valida mingħand IBS, kien ad insaputa tiegħu (u ta' Microsoft) qiegħed jinqeda bid-*Developer Licence* maħruġa minn Microsoft lil IBS minkejja illi d-*Developer Licence* qatt ma setgħet jew kienet intenzjonata illi tintuża mill-*end users* iżda biss minn "partners" bħalma kienet, dak iż-żmien, IBS (qabel ma gie tterminat il-ftehim bejn l-IBS u l-Microsoft). IBS, bi ksur tal-obbligi tagħha u mingħajr ma avżat la lill-Microsoft, abbuzivament estendiet tali liċenza lill-klijenti tagħha.
- Iffaċċjata b'din il-problema kkawżata mill-IBS, Microsoft, sabiex ma tħallix lil dan l-utent lampa stampa minħabba n-nuqqasijiet lampanti ta' IBS, kienet ippermettiet illi d-*Developer Licence* li kien qiegħed igawdi (abbużivament) l-*end user* tiġi temporanjament estiża sakemm dan l-*end user* isib soluzzjonijiet tekniċi oħrajn. Dan biss kien l-involviment ta' Microsoft illi allegatament "jikser id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali" tal-IBS!
- Mhux minnu dak li jinghad fil-paragrafu numru 12 tar-rikors għall-ħrug tal-Mandat t'Inibizzjoni tar-rikorrenti li l-intimati avvicinaw lill-klijenti tar-rikorrenti.
- IBS għażlet illi teżebixxi mar-rikors tagħha korrispondenza privata (*e-mail*s), ottjenuti f'forum mhux pubbliku (arbitraġġ ma' terzi) bil-għan illi, mingħaliha, toskura lil Microsoft. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt li jista' jkollha Microsoft li titlob l-isfilz ta' tali dokumentazzjoni, jibqa' l-fatt illi din trid tinqara fis-sitwazzjoni li ġiet deskritta aktar 'il fuq, sitwazzjoni illi IBS ġabitha b'idejha stess, b'potenzjal ta'

preġudizzju enormi għal dawk li dak iż-żmien kienu l-klijenti tagħha.

## 2.0 Xi kunsiderazzjonijiet legali

Illi l-Artikolu 873 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili espressament jipprovdi illi sabiex talba għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tkun jista' tintlaqa' jinħtieġ illi l-Qorti tkun soddisfatta:

(i) illi *prima facie* ir-rikorrenti għandu dawk il-jeddijiet;
(ii) illi l-aġir ta' l-intimat ikun ta' preġudizzju lir-rikorrent; u
(iii) illi l-Mandat ikun **<u>meħtieġ</u>** sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent[1].

Illi fi G*rech pro et noe vs Manfre* (Vol.LXXII.II.290 – App. Civ. – 14/7/1988), il-Qorti qalet, fir-rigward tal-prova tal-jedd *prima facie* li dan:

> ... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-Mandat.

Żiedet tgħid:

---

[1] Ara Giacomo Galea vs. Pio Bezzina (App. Civ. 5.8.1954) u Direttur tal-Kuntratti et vs. George Xuereb (Kumm. G.V. 14.6.1995); Ara wkoll, aktar reċentament, *Malta Union of Bank Employees* v *Bank of Valletta p.l.c.*, 27.01.2014, fejn dawn l-elementi ġew riprodotti.

> "li l-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi <u>kategorikament</u> illi l-Qorti m'ghandhiex tohrog dak il-Mandat" jekk it-tliet rekwiziti tal-Mandat fuq imsemmija ma jkunux sodisfatti.

Ġie wkoll ritenut illi Mandat t'Inibizzjoni :

> "huwa meżż eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali u l-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu **jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli**… It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, **jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu** filwaqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat"[2] [enfażi miżjuda]

Illi f'dan ir-rigward hija ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati illi t-tielet rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat (ċjoe` li l-Mandat ikun **<u>meħtieġ</u>** sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent) mhuwiex sodisfatt f'każ illi l-preġudizzju soffert mir-rikorrenti jista' jiġi sanat bil-ħlas ta' danni. Dan għaliex ir-rikorrent għandu l-ewwelnett iġib prova illi l-ħruġ tal-Mandat huwa tassew meħtieġ – jekk ir-rikorrenti jkollu rimedju eventwali permezz ta' kawża għal danni ma jkollux jedd li jitlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

[2] Charles Mugliett v Saviour Bonnici, Prim Awla, 25/01/2005; Angelo Xuereb v Marin Hili, Qorti tal-Kummerċ, Rikors Nru 3135/94, Deċiż 22/09/1995.

Ġie mtenni illi:

> l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni. **Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.**[3] [emfażi miżjuda]

Kif ukoll illi

> Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (*arm twisting*) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."[4]

---

[3] Dr Kenneth Grima *nomine* v Direttur Ġenerali tal-Kuntratti, Prim Awla, 26 ta' Marzu, 2014

[4] Avukat Dr John Gauci v Direttur tal-Kuntratti, Prim Awla, 18 ta' Lulju, 2008

Illi għalhekk jiġi sottomess illi l-fatti tal-każ għandhom jiġu eżaminati fid-dawl ta' dawn ir-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi u l-każistika nostrana.

*2.1 Xi punti preliminari – nuqqas ta' relazzjoni ġuridika u nuqqas ta' ġurisdizzjoni*

L-esponenti jirrikonoxxu illi l-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju huwa wieħed fuq bażi *prima facie* pero` ma jistgħux ma jressqux żewġ gravami ta' natura proċedurali/preliminari, jekk xejn, biex jagħmluha ċara illi mhumiex qegħdin jirrinunzjaw għalihom f'dan l-istadju.

Qabel xejn l-esponenti jtennu illi **Microsoft Malta Limited** ma għandha ebda ness ġuridiku mar-rikorrenti IBS. Il-ftehim illi jissemma' mir-rikorrenti stess – *Solution Provider Agreement* – sar, *ex admissis* ma' Microsoft tal-Irlanda u l-allegat ksur sar in konnessjoni ma' tali ftehim u d-*developer's licence* maħruġa mill-entita' reġistrata l-Irlanda. Anke jekk wieħed jifli l-premessi tar-rikors jidher illi l-allegazzjonijiet fil-konfront ta' Microsoft Malta Limited huma vagi mmens u bbazati biss fuq supposizzjonijiet. Fid-dawl ta' dan, l-esponenti jsostnu illi Microsoft Malta Limited iddaħħlet fil-każ biss biex IBS tiġġustifika proċeduri f'Malta.

Illi dan iwassalna għat-tieni gravam proċedurali tal-esponenti, u ċjoe` wieħed imsejjes fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin sabiex jikkunsidraw il-każ. Kif intqal, *ex admissis*, il-leġittimu kontradittur għall-

pretensjonijiet tar-rikorrenti hija, semmai, Microsoft tal-Irlanda għaliex kienet hi li daħlet fil-ftehim ma' IBS li eventwalment wassal għall-vertenza bejn il-partijiet. Dan ifisser illi kwalunkwe' proċeduri kellhom jinfetħu l-Irlanda minħabba illi Microsoft hija kumpanija reġistrata l-Irlanda u l-kawża għandha għalhekk titmexxa quddiem il-Qrati Irlandiżi bħala l-lok tal-ġurisdizzjoni tal-intimata.

L-esponenti, filwaqt illi jirriservaw minn issa li jressqu dawn id-difizi fil-kawza fil-mertu, jsostnu illi l-istess difizi huma tali li jiġġustifikaw ukoll ir-rifjut tar-rikors għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni.

*2.2 Prima facie ir-rikorrent m'għandux il-jeddijiet pretiżi*

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti naqset ukoll illi turi li għandha d-drittijiet pretizi minnha. Ibda biex, it-talbiet indikati fil-Mandat t'Inibizzjoni huma tant vagi, illi qajla jistgħu jiġu applikati għaliex ir-rikorrenti qed tonqos illi tindika x'inhuma dawk il-*customisations* jew *add-ons* illi allegatament qed tipprova twaqqaf l-użu tagħhom.

Fi proceduri ta' dan it-tip wiehed kien jippretendi li ghall-anqas ir-rikorrenti kienet ser tesebixxi prova sufficjenti (u mqar fuq bazi ta' prova *prima facie*) li tistabbilixxi d-drittijiet ta' proprjeta` ntelletwali taghha (drittijiet tal-awtur f'dan il-kaz) bhal, per ezempju permezz ta' kopja tas-'source code' (jew mqar b'mezz iehor), kif ukoll wiehed kien jippretendi li

jigu esebiti provi cari li juru li tali proprjeta' ntelletwali hija effettivament tar-rikorrenti.

Ladarba m'għamlitx dan, ir-rikorrenti wisq anqas uriet jew almenu ppruvat turi illi l-imsemmija *customisations* jew *add-ons* huma tassew il-proprjeta' intellettwali tagħha. Hija ħaġa minn ewl id-dinja illi rikorrent f'Mandat t'Inibizzjoni għandu qabel xejn juri illi tassew jeżisti d-dritt li qed jippretendi u li dan jappartjeni lilu. Dan ir-rekwizit huwa hawnhekk għal kollox nieqes.

L-esponenti jiċħdu kategorikament illi huma qed jużaw jew jippermettu xi użu ta' xi *customisations* jew *add-ons* żviluppati mir-rikorrenti – pero` f'kull każ, kienet ir-rikorrenti illi kellha qabel xejn tispeċifika eżattament għal xhiex qed tirreferi, xi ħaġa li naqset li tagħmel. Fil-fatt, ma ngabet ebda prova f'dan l-istadju, lanqas prova *pima facie*, li l-ntimati f'dan iz-zmien qed juzaw, jaccessaw, jaghtu access jew jippermettu lil terzi sabiex jaccessaw tali proprjeta' allegatament li tappartjeni lir-rikorrenti minghajr ma' ottenew, jekk ikun il-kaz, il-kunsens mehtieg.

Lanqas ma ngabet l-ebda prova li l-intimati kkrejaw jew taw access ghal xi forma ta' *software* derivanti mill-proprjeta' intelletwali allegatament zviluppata jew proprjeta' tal-esponenti.

*2.3 Ir-rikorrenti mhux se ssofri preġudizzju*

Fir-rigward tar-rekwiżit tal-prova ta' "preġudizzju" is-soċjeta` esponenti ittenni illi dan jiddependi fuq id-drittijiet tar-rikorrenti, illi għandhom almenu jirriżultaw *prima facie*. Jekk l-ewwel element huwa nieqes, daqstant ieħor ma jistax jingħad illi r-rikorrenti wriet li se ssofri xi preġudizzju.

*2.4 Il-Mandat mhux neċessarju*

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa umilment sottomess illi anke jekk, *dato ma non concesso* u biss għall-grazzja tal-argument, din il-Qorti ssib illi s-soċjeta` rikorrenti għandha *prima facie* d-drittijiet pretiżi u li se ssofri preġudizzju, xorta waħda l-Mandat t'Inibizzjoni mhuwiex neċessarju sabiex ir-rikorrenti tipproteġi tali dritt pretiz. Kif ġa ngħad hemm każistika stabbilita illi tistabbilixxi illi Mandat t'Inibizzjoni huwa minnu nnifsu rimedju straordinarju li m'għandux japplika fejn hemm rimedji oħra. Hekk, din il-Qorti kif presjeduta stqarret[5] illi:

Il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta' Mandat, hu pregudizzju "li ma jkunx jista' jigi irrimedjat". Irid jinghad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element

[5] Malta Transport Service Operations Limited v General Workers Union *et* 23.10.2015

meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. (*Vide* digriet tal-Prim` Awla tal-Qorti Civili deciz fit-2 ta` Jannar 1993 - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe**").

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta *si tratta* ta' telf pekunjarju cioe` telf ta' qligh jew flus. Difatti, skont l-insenjament moghti fid-digriet finali fl-ismijiet ***Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et*** deciza fit-13 ta Mejju 2014, per Onor Imhallef J.R.Micallef : "*Tqis illi huwa wkoll mizmum li l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghal kumpens kwantifikabbli u hlas ta' danni meta dan jista' jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skont il-ligi*" (Enfasi ta' din il-Qorti). *Vide* **wkoll** ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et*** deciza fil-11 ta' Marzu 2003.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali (*vide* **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-25 ta' Jannar 2005 per Imhallef Joseph R. Micallef : "... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u tenut kont taċ-ċirkustanzi tal-każ odjern, l-intimati jinnutaw illi, fl-aħħar mill-aħħar, ir-rimedju tar-rikorrenti huwa wieħed għal danni, senjatament, danni għal (allegat) ksur tad-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali.

Skont kif dikjarat fil-Mandat (u għalkemm l-esponenti għadhom mhux notifikati) jidher illi ġa nfetħet kawza fuq l-istess premessi, li biha IBS ser tfittex rimedju fil-mertu. Naturalment, jekk IBS eventwalment tingħata raġun, hija tista' teżiġi ħlas ta' kumpens minn Microsoft. Fi kliem ieħor il-Mandat t'Inibizzjoni mhuwiex essenzjali sabiex IBS tottjeni r-rimedju li qed tippretendi għaliex hija xorta jibqagħlha l-jedd li tfittex għal kumpens pekunjarju. Kif ġa ntqal, meta hemm tali rimedju, il-Mandat ta' Inibizzjoni, *qua* rimedju straordinarju, m'għandux jintlaqa'.

## 3.0 Konklużjoni

Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti umilment jissottomettu illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Paul Micallef Grimaud u Dr Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta` rikorrenti. Deher Dr Joseph Camilleri ghas-socjeta` intimata. Il-Qorti awtorizzat ix-xhieda ta' Timothy Camilleri, rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, liema xhieda ghandha tghodd ukoll ghal fini taz-

zewg rikorsi l-ohra Nru 35 u 37 fuq il-lista tal-lum. Xehed bil-gurament tieghu Timothy Camilleri, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti awtorizzat lir-rikorrent, ghal dak li jirrigwarda Dokument 'A' fil-process Nru 38, biex jesebixxi fotokopji integri ta' Dok 'A' *seduta stante*, li kopja tal-istess giet notifikata lid-difensuri fir-rikors Nru 38. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II **KONSIDERAZZJONIJIET** :

Illi permezz tal-proceduri odjerni, is-socjeta` rikorrenti qed titlob il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimati Microsoft Ireland Operations Limited u Microsoft Malta Limited jigu inibiti milli juzaw, jaccessaw jew jaghtu access lil terzi biex jaccessjaw, proprjeta` intellettwali konsistenti f'*software* derivat mill-Dynamics NAV (u cjoe` "customisations" u "add-ons" tal-imsemmi *software* Dynamics Nav), *stante* li kien zviluppat mis-socjeta` rikorrenti.

Illi gie eccepit minn Microsoft Ireland Operations Limited li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni kontra l-istess socjeta` li hija registrata fl-Irlanda. Microsoft Malta Limited m'ghandhiex ness guridiku mar-rikorrenti u ghalhekk kwalsiasi proceduri kellhom jinfethu fl-Irlanda.

Illi fil-mertu gie eccepit li s-socjeta` rikorrenti ma rnexxilliex tipprova r-rekwiziti mehtiega ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni *a tenur* tal-artikolu 873 tal-Kap 12, billi ma ppruvawx li s-socjeta` Integrated Business Limited ghandha *prima facie* jedd, u lanqas ma ppruvaw li l-allegat agir tal-intimati hu ta' pregudizzju irremedjabbli ghas-socjeta` rikorrenti.

**Fatti:**

Illi Integrated Business Systems Limited sostniet li kellha ftehim ma' Microsoft Ireland liema ftehim gie terminat fl-4 ta' Novembru 2009. Illi tghid ukoll li zviluppat programm "Auto Dynamics" li huwa *add-on*. Sostniet li wara din it-terminazzjoni, Microsoft Ireland estendiet l-uzu tal-licenzja b' detriment ghas-socjeta` rikorrenti li permezz ta' dawn il-manuvri, giet imcahhda mid-drittijiet esklussivi taghha ta' awtur. Gew esebiti **Dok A**, serje ta' korrispondenza *b'e-mails*. Intbaghtet ittra interpellatorja **Dok B** u kif ukoll sar protest gudizzjarju mis-socjeta` rikorrenti **Dok C.**

Izda, l-fatti kif promossi mir-rikorrent huma kkontestati mill-intimati, li taw verzjoni differenti, u sostnew li s-socjeta` rikorrenti kienet kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim billi ma hallsitx il-licenzja u kienet giet interpellata li l-ftehim ser jigi terminat permezz ta' Dok M1. Microsoft Ireland, rinfaccjata bi problema kreata mis-socjeta` rikorrenti li ippermettiet abbuzivament li l-licenzja tigi estiza lill-terzi u Microsoft Ireland kellha tagixxi biex tippermetti li din id-*developer's license* tigi temporanjament estiza.

**Provi:**

**Timothy Camilleri**, Direttur tas-socjeta` rikorrenti qal is-socjeta` rikorrenti kellha ftehim (Solution Provider Agreement) ma' Microsoft Ireland, u kienu jaghmlu "customization" fuq il-Microsoft Dynamics Nav. Semma wkoll li kienu zviluppaw "Add-on" imsejha "Auto Dynamics" ghax kienu hadu kuntratt ma' Pater u *sales Distributers* ohra f' Malta. Qal li s-socjeta` rikorrenti bhala *partner* ta' Microsoft kien ikollhom access ghas-*software*, u biex jipprotegi l-interessi tieghu dahhal klawsola fil-kuntratt mal-klijenti fejn kien intqal kull "customisation" barra dak li jappartjeni ghal- Microsoft hi ta' IBS Ltd.

Semma b'referenza ghal-serje ta' *e-mail*s esebiti li kienu ghaddew mal-kumpanija Pater u Nunzio Dugo li kien jahdem f' Microsoft Malta, li l-*partners* l-ohra ta' Microsoft kien ikollhom access ghall-customisations, izda ma kienx ikollhom access ghal *Add-on* "Auto dynamics", izda qal li l-ilment huwa fuq kollox.

Spjega li fil-kuntratt tal-klijenti ghalkemm kien jaghtihom il-licenzja izda kien hemm imnizzel li l-'ownership' tas-*software* jibqa' tas-socjeta` IBS. Ltd. Qal li l-"customisations" li kien ghamel hu ghadhom qed jintuzaw minn kumpaniji lokali, fosthom Golden Harvest u Falzon Service Station, qal ukoll, li fir-rigward tal-"customisations" ma kienx hemm bzonn ta' *reverse engineering*, izda fir-rigward tal-"add-ons" iva.

In **kontro-ezami** qal li l-ftehim ma' Microsoft Ireland kien gie tterminat ghax kien ghamel pagament tardiv, liema terminazzjoni ma gietx ikkontestata. Mistoqsi jekk hu kienx ta *developers license* lill-klijenti tieghu, bi ksur tal-kuntratt ma' Microsoft, wiegeb li l-klijenti kellhom il-licenzja li kellha IBS Ltd. li wara li gie terminat il-ftehim ma' Microsoft fl-2009, xorta kellu kuntatt ma' Microsoft ghar-raguni li fl-2006 kien ifforma kumpanija bl-isem Auto Dynamics UK registrata fl-Ingilterra, li kienet sussidjarja ta' IBS Ltd, u ghalhekk komplew jissuplixxu l-prodott taghhom anke Malta.

**Nuqqas ta' relazzjoni guridika:**

Illi inghad fir-risposta tas-socjetajiet intimata, li Microsoft Malta Limited ma ghandha assolutament ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti, *stante* li l-ftehim kien sar ma' IBS limited u Microsoft Ireland Operatios Limited.

Dwar dan, jigi osservat, li ghalkemm il-ftehim kien ma' Micrososft Ireland Operations Limited, izda, ladarba s-socjeta` rikorrenti kienet qed topera lokalment, meta kien jinqala' dizgwid jew ikun hemm bzonn ta' komunikazzjoni kemm mas-socjeta` rikorrenti, kif ukoll, mal-klijenti lokali, li kien ikollhom bzonn is-servizzi fuq is-*software* Dynamic NAV, kif ukoll fuq "add-ons", kien jikkomunika ma' rapprezantant tal-Microsoft, Nunzio Dugo, kif ukoll Kevin Schembri, in rapprezentanza ta' Microsoft Malta, hekk kif jidher minn kopja tal-*e-mails* esebiti bhal Dok A. Fir-

risposta tieghu, dwar id-Dynamics NAV, Kevin Schembri, ighid li qed ighaddi l-informazzjoni kif inghatat lilu mid-Dipartiment legali , u mhux jiddistingwi bejn Microsoft Malta Limited u Microsoft Ireland Operations Limited Ghaldaqstant, ma jistax jinghad li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` rikorrenti u Microsoft Malta Limited.

**Gurisdizzjoni**

Dan premess, din il-Qorti lanqas tista' tilqa' l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni li hi ppernjata fuq allegat mankanza ta' ness guridiku bejn ir-rikorrenti u Microsoft Malta Limited. Gjaladarba dan in-ness huwa akkolt *ai fini* ta' dan il-Mandat, isegwi li dawn il-proceduri huma validament istitwiti hawn Malta.

**Dritt:**

Hu pacifiku li l-ezami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'ghandhiex tkun wahda approfondita imma limitatat ghall-apprezzament, fuq bazi *prima facie*. Dwar il-konformita` tar-rikors mal-kriterju espressi fil-ligi, u cjoe` fl-**artikolu 873(1) tal-Kap 12.**

Difatti, skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12,** l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-Mandat. Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap 12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali Mandat jekk ma

tkunx sodisfatta li dak il-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-Mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[6] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[7] L-insenjament tal-gurisprudenza huwa kostanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, fil-kaz **Mugliette vs Bonnici**, deciz mill-P.A. fil-25 ta' Jannar 2005 inghad;

*"Illi bil-ligi jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-Mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher, li ghandu mad-daqqa t' ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."*

[6] Ara f'dan is-sens "**Grech proprio et nomine vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).
[7] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

Il-jedd *prima facie* jrid ikun jedd, anke jekk *prima facie* biex jimmerita harsien. Illi mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta`, disagju jew thassib (Ara **Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et** – Qorti tal-Kummerc – 26 ta' Mejju 1995 (Kollez.Vol. LXXIX.iv.1378). Proprju dwar dan l-element tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fil-kaz **Grech proprio et noe vs Manfre`** (kollez Vol. LXXII.ii.290) irriteniet:

*"….huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn ghall-finijiet tal-hrug tal-Mandat."*

*In vista* tal-principji assodati fil-gurisprudenza, il-kriterji stabbiliti huma oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg Mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fiz-zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertatat u stabbilita.

Tenut kont tal-fatt li s-subinciz (2) huwa marbut mas-subinciz (1) tal-artikolu 873 tal-Kap 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrent, il-grad ta' pregudizzju rikjest ghall-hrug tal-Mandat irid ikun pregudizzju irrimedjabbli.

F'dan il-kuntest, jekk il-pregudizzju jitratta f'telf pekunarju, u cjoe` f'telf ta' flus, dan ma jitqiesx bhala pregudizzju irrimedjabbli. Difatti fil-kaz **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et**, (JRM) - 13 ta' Mejju 2014, inghad:

*"Tqis illi huwa wkoll mizmum li l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta' min jitlob tkun wahda li tirreferi ghal kumpens kwantifikabbli u hlas ta' danni meta dan jista' jithares b'rimedju procedurali kawtelatorju iehor skont il-ligi."*

Hawnhekk, ta' min ighid ukoll li jekk l-inkonvenjent jew dak lamentat jista' jitnehha b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat (Ara **Av. Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et** noe. P.A. – 2 ta' Jannar 1993).

Jigi ritenut ukoll, li din hija mizura ta' natura eccezjonali, b'dan li jkun hemm il-biza' li jekk ma jinharigx tali Mandat id-dritt tar-rikorrent jintilef ghal dejjem. (Ara **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Jannar 2005; u **40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**", P.A. (RCP) – 2 ta' Novembru 2010).

Premess ukoll li dawn iz-zewg kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat. (Artikolu 873(2) tal-Kap 12) – Ara – "**Mary Borg vs Kummissarju tal-Artijiet**"- P.A. (JRM) - 15

ta' Dicembru 2008, "**The Golden Sheperd Group Limited vs Enemalta Corporation**" (P.A. (RCP) – 17 ta' Marzu 2009), u **Jeffrey Farrugia vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et** P.A. (JZM) – 18 ta' Frar 2013.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat, m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandu xi fisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. L-analizi li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, hu jekk l-agir li qed jilmenta minnu r-rikorrent jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li r-rikorrent jidher li ghandu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar pretensjonijiet fil-mertu, izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt ghal dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd 'Prima Facie':**

Is-socjeta` rikorrenti qed tikkampa fuq il-principju tad-Drittijiet tal-Attur, u tikkontendi li ghandha l-jedd tipprotegi l-proprjeta` intelletwali, li hija ugwalment proprjeta`. Jikkontendu li d-drittijiet taghhom naxxenti mill-Artikolu 7 tal-Att Dwar id-Drittijiet (Kap 415). Min-naha l-ohra, l-intimati sostnew li t-talbiet rikorrenti huma vagi u ma

jaghtux lok ghall-protezzjoni tal-proprjeta` intelletwali ladarba ma jigix stabbilit li l-jedd hu prima facie tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat li l-**Kap 488 hu l-Att li Jirregola l-infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali** u skont l-artikolu 2 "drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali" tfisser dawk id-drittijiet moghtija taht l-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, fost ohrajn. L-**artikolu 7 tal-att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 415)** jiddisponi li: "Id-drittijiet tal-awtur,………. - jkunu d-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi l-ghemil f' Malta dwar il-materjal protett fit-totalita` tieghu jew f'parti sostanzjali minnu, sew fl-ghamla orignali tieghu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingharaf sew mill-original ta' wiehed minn dawn li gejjin:

a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u b'kull ghamla, ghal kollox jew f'parti minnu."

L-ewwel kostatazzjoni li ghandha ssir hi jekk is-socjeta` rikorrenti fil-fatt hijiex l-uniku sid tal-proprjeta` intelletwali u cjoe` *software* hekk kif deskritt fir-rikors promotur. Illi ma gie esebit l-ebda dokument li juri li l-proprjeta` intelletwali in kwistjoni tappartjeni lis-socjeta` rikorrenti. Illi jissemma ftehim li kien hemm ma' Microsoft Ireland Operations Limited, izda dan il-ftehim ma giex esebit mal-atti. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li dan il-jedd *prima facie* huwa mnissel proprju mir-rekwizit li r-rikorrent irid juri li jezisti d-dritt u li d-dritt jappartjeni lilu. Dak esebit bhala **Dok A**, huma sensiela

ta' *e-mails* bejn is-socjetajiet kontendenti, fejn ir-rikorrenti sostnew li bl-agir tal-intimati, gew lezi d-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti. Ghalhekk, gie sottomess li dan jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti u ksur tal-obbligi tas-socjeta` intimata naxxenti mill-artikolu 42(1)(a) tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 415). Illi gie allegat ukoll, li l-agir tal-intimati jikkostitwixxi ksur tal-obbligi taghhom naxenti mill-Artikolu 1124A tal-Kap 16.

Ikkunsidrat li dawn l-allegazzjonijiet u l-argumenti huma ferm kapzjuzi, ladarba ma' gie esebit l-ebda ftehim. Illi drittijiet u obbligazzjonijiet jemanu minn kuntratt li jkun sar bejn il-partijiet, u ladarba din il-Qorti mhix rinfaccjata bi prova konkreta dwar dan il-ftehim, bejn il-kontendenti, ma tistax tiddeciedi dwar min ghandu l-jedd u d-dritt u minn ghandu l-obbligazzjonijiet imsemmija. Inoltre`, fil-mankanza ta' prova hekk essenzjali ma jistax jinghad li hemm ksur lampanti ta' dak miftiehem bejn il-partijiet. Jigi dedott, li s-serje ta' *e-mails* ma jikkostitwixxux prova sufficjenti rigward il-jedd pretiz.

Illi saret distinzjoni bejn "customisations" u "add-ons". Is-socjeta` rikorrenti tikkontendi li l-ilment taghha jkopri t-tnejn li huma *stante* li d-dritt tal-awtur hu fuq kollox. Fil-kaz ta' "add-ons" irrizulta mill-provi, li hemm qbil li dawn huma l-proprjeta` intellettwali ta' min jikkreahom. Irrizulta li b'distinzjoni ghal "customisations", l-*add-ons* huma aktar accessibli, u jkunu wkoll registrati. F'dan il-kuntest, jigi osservat li din il-Qorti hi rinfaccjata b'karenza ta' prova ladarba dawn l-"add-ons" huma registrati ta' min huma,

hekk kif ikkonfermat minn Timothy Camilleri stess fix-xhieda tieghu. Jigi nnutat li ma giet esebita l-ebda prova mis-socjeta` rikorrenti f'dan ir-rigward. Illi ghalkemm l-"add-on" ta' Auto Dynamics tista' tkun tappartjeni lis-socjeta` I.B.S. Limited, din il-Qorti ma tistax tilqa' dan il-Mandat ghax is-socjeta` rikorrenti ma ppruvatx il-jedd *prima facie* taghha fuq l-"add-ons".

Referibbilment ghall-"customisations", irrizulta li hemm qbil li l-partners ta' Microsoft setghu jaccessaw dawn il-"codes" izda ma setghux jibnu fuqhom. Izda, fin-nuqqas ta' prova tat- termini u kondizzjonijiet stipulati fil-ftehim bejn is-socjeta' rikorrenti u Microsoft Ireland, din il-Qorti certament mhix f'pozizzjoni tikkonkludi jekk fil-fatt, dawn kienu tpoggew fil-"public domain" ifissirx li din tammonta ghal rinunzja ta' '*ownership'*. Timothy Camilleri stess ikkonferma li l-klijenti tieghu kienu jinghataw il-licenzja, izda mhux *'l-ownership'* peress li l-*'ownership'* tibqa' ta' IBS Ltd. F'dan il-kuntest, jigi osservat li r-rikorrent seta' facilment jesebixxi bhala prova, wiehed mill-kuntratti li hu kellu mal-klijenti tieghu, fejn hu accenna fix-xhieda tieghu li kien inizzel klawsola f'dan ir-rigward. Din il-Qorti tinnota li minflok gie esebit kuntratt f'dan is-sens, gew esebit serje ta' *e-mails* mal-klijent Pater meta kienu f'arbitragg, f' f'kontestazzjoni dwar il-hlas li ma sarx da parti tal-klijent. Ghaldaqstant, fil-mankanza ta' prova *prima facie*, din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba ghal Mandat ta' Inibizzjoni lanqas fir-rigward tal-"customisations".

Inoltre`, lanqas gie spjegat u specifikat jekk is-socjeta` rikkorrenti hix issostni li ghandha l-*'ownership'* kollu ta' dawn il-"customisations", jew jekk tiddistingwix meta jsiru modifikazzjonijiet minimi jew ohrajn sostanzjali. Ghalhekk, l-oggett tal-Mandat mhuwiex identifikat. Fid-dawl ta' dan, jigi dedott, li s-socjeta` rikorrenti tat biss alleggazzjonijiet dwar dan li ma gew bl-ebda mod ippruvati.

Ghalhekk, minn evalwazzjoni tal-provi u tal-atti tal-kaz, ma jistax jigi determinat li s-socjeta` rikorrenti qed tgawdi jedd esklussiv fuq il-proprjeta` intelletwali in kwistjoni, peress li hemm mankanza ta' prova f'dan ir-rigward.

Gie sottolineat ukoll, mill-avukat difensur tal-intimati, fit-trattazzjoni, li ladarba gie stabbilit u anke hareg mix-xhieda li l-klijent ghandu access ghas-*software* kollu, aktar hu difficli li jigi determinat li dan hu dritt u jedd tas-socjeta` rikorrenti. Minbarra hekk, fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, kemm-il darba jigi milqugh il-Mandat hu difficli wiehed jiddetermina t-tifsira tal-istess Mandat, u x'limitazzjonijiet *se mai* kellhom jigu imposti. Ghalhekk, it-talba ghal dan il-Mandat kif dedotta taghti biss lok ghal ezercizzju spekulattiv u ipotetiku.

Illi galadarba l-ewwel element ma kienx sodisfatt, *stante* li z-zewg elementi huma kumulattivi l-Qorti hija prekluza milli tordna l-hrug ta' Mandat jekk ir-rekwiziti kollha minghajr eskluzjoni jibqghu mhux sodisfatti.

## III. DECIDE

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi, jirrizultalha li ma giex ippruvat *prima facie*, d-dritt vantat mis-socjeta` rikorrenti u ghalhekk, ma jezistux l-elementi necessarji ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Tichad it-talba kif dedotta ghall-Mandat ta' Inibizzjoni.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` rikorrenti.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**11 ta' Novembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**11 ta' Novembru 2016**